Nru. 1539

TISMIJA TA' TOROQ F'MALTA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bil-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 363.10, il-Prim Ministru ordna t-tismija tat-toroq kif speċifikat u indikat hawn taħt.

No. 1539

NAMING OF STREETS IN MALTA

IN exercise of the powers conferred by Subsidiary Legislation 363.10, the Prime Minister has directed the naming of the streets as specified and indicated hereunder.

L-IMSIDA

Triq mingħajr isem uffiċjali li tidħol għaliha minn Triq Patrick Holland, indikata b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma:

TRIQ
ĠUŻEPPI GERADA
FUNDATUR
TAS-SOĊJETÀ FILARMONIKA
'MELITA'
1884 – 1945



L-IMSIDA
KJARIFIKA TA' ESTENSJONI

Triq Garcin, indikata fuq il-mappa hawn riprodotta, għandha tibda minn k/m Triq l-Irmiġġ u twassal sa k/m Triq il-Wied tal-Imsida.




L-IMSIDA

Dik il-parti ta' Triq Garcin, li tibda minn k/m Triq Garcin u li twassal sa k/m Triq il-Wied tal-Imsida, indikata b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma:

TRIQ
L-GĦAJN TAL-ĦASSELIN





L-IMSIDA

KORREZZJONI TAL-ISEM TAT-TRIQ U KJARIFIKA FL-ESTENSJONI

Sqaq Dun Andrè, kif muri f'Notifikazzjoni tal-Gvern Nru 44,
tal-21 ta' Jannar, 1943, indikat bin-numru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta,
għandu jibda minn k/m Triq l-Irmiġġ u jwassal sa k/m Triq il-Wied tal-Imsida u jissemma: **TRIQ**

DUN ANDRÈ DEBONO
KAPPILLAN
1850 – 1900

KJARIFIKA TA' ESTENSJONIJIET

Triq Tal-Għeriebel, indikata bin-numru 2 fuq il-mappa hawn riprodotta, għandha tibda minn k/m Triq il-Karozzin u twassal sa k/m Triq l-Irmiġġ.


Triq l-Irmiġġ, indikata bin-numru 3 fuq il-mappa hawn riprodotta, għandha tibda minn ma' Triq Clarence u twassal sa k/m Triq Dun Andrè Debono imsemmija f'din in-Notifikazzjoni.

IS-SWATAR, L-IMSIDA

Parti minn Triq Dijonisju Famucelli, li tibda minn k/m Triq Mons. Innoċenz Zammit u li twassal sa k/m Triq is-Swatar, indikata b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma:

TREJQET MELITA





SAN ĠILJAN

Wesgħa li tifforma parti minn Triq il-Kbira, u li twassal sa k/m Triq Mons. Guido Calleja, indikata bin-numru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma: **WESGĦET IL-BJAR TA' NAPULJUN**

Taraġ Lapsi, li jibda minn k/m Triq Mons. Guido Calleja u li jwassal sa Ix-Xatt ta' Spinola, indikat bin-numru 2 fuq il-mappa hawn riprodotta, jissemma: **TARAĠ IN-NIXXIEGĦA**

KJARIFIKA TA' ESTENSJONI

Triq Mons. Guido Calleja, indikata bin-numru 3 fuq il-mappa hawn riprodotta, għandha tibda minn k/m Triq il-Kbira u twassal sal-Knisja Parrokkjali ta' San Ġiljan.

SAN PAWL IL-BAĦAR

Triq Ġdida fi Triq il-Port Ruman, li tibda minn k/m Triq il-Port Ruman u li twassal sa k/m Triq it-Tamar, indikata b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma:

TRIQ IT-TMUN



SAN PAWL IL-BAĦAR

Triq Ġdida fi Triq Larry Vella, li tibda minn k/m Triq Larry Vella u li twassal sa k/m Triq San Timotju, indikata b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma:


TRIQ IL-VOPI



MADLIENA, IS-SWIEQI

Triq Ġdida fi Triq Esprit Barthet, indikata b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma:

TRIQ
IT-TABIB
MARIO TABONE
OFTALMOLOGU u
FUNDATUR TA' HERITAGE MALTA
1938 - 2022



MADLIENA, IS-SWIEQI

Triq Ġdida fi Triq il-Majjistral, indikata b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma:

TRIQ IL-LVANT



MADLIENA, IS-SWIEQI

Parti minn Triq il-Madliena, indikata b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma:

TRIQ IL-PONT



ĦAŻ-ŻEBBUĠ

Triq mingħajr isem uffiċjali fi Triq Tar-Remel, indikata b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma:

TRIQ ĦAL QDIERI



ĦAŻ-ŻEBBUĠ

Parti minn Triq Dun Karm Psaila, li tibda minn k/m Triq Dun Karm Psaila u li twassal sa k/m Triq Wied tal-Baqqiegħa, indikata b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma:

TRIQ IL-LUQ

